A.L. 20 tal-2026

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Regoli tal-2026 dwar it-Trattament tat-Taxxa ta' Individwi b' Ħiliet Għolja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 56(21)(ċ) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2026 dwar Trattament ta' Taxxa ta' Individwi b'Ħiliet Għolja.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regoli, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"arranġamenti artifiċjali" tfisser arranġamenti li t-termini tagħhom jinkludu:

(a) benefiċjarju li jirċievi kwalunkwe benefiċċju jew pagament, fi kwalunkwe forma, mingħand persuna li tkun relatata mal-prinċipal tiegħu u tali benefiċjarju ma jiddikjarax għall-finijiet tat-taxxa tali benefiċċju jew pagament f'Malta jew ma jkunx soġġett għat-taxxa fuq tali income f'Malta;

(b) arranġamenti ta' kollużjoni bejn il-prinċipal u l-impjegat sabiex jiġi żgurat li kuntratt li fis-sustanza ma jaqax fl-iskop ta' dawn ir-regoli u l-artikolu 56(21) tal-Att jingħata forma li tippermettilu jikkwalifika għall-benefiċċji msemmija f'dawn ir-regoli;

"Att" tfisser l-Att dwar it-taxxa fuq l-*Income*; Kap. 123.

"awtorità kompetenti" tfisser il-korp, l-aġenzija, l-awtorità, l-uffiċċju jew persuna oħra msemmija fl-Iskedi;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju għat-Taxxa u d-Dwana;

"kwalifiki professjonali" tfisser kwalifiki rilevanti attestati bi prova ta' kwalifiki ta' edukazzjoni jew, b'deroga, meta

provdut bil-liġi nazzjonali, attestati tal-anqas b'ħames (5) snin esperjenza professjonali ta' livell komparabbli ma' kwalifiki ta' edukazzjoni u li jkunu rilevanti fil-professjoni jew fis-settur speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew fl-offerta vinkolanti ta' xogħol:

Iżda għall-finijiet ta' din it-tifsira:

"kwalifika ta' edukazzjoni" tfisser kwalunkwe prova ta' kwalifiki formali maħruġa minn stabbiliment edukattiv li tiċċertifika t-tlestija b'suċċess ta' programm ta' edukazzjoni postsekondarju, jiġifieri sett ta' korsijiet ipprovduti minn stabbiliment edukattiv rikonoxxut bħala istituzzjoni edukattiva mill-ġurisdizzjoni li jinsab fiha. Kwalifika ta' edukazzjoni għandha titqies, kemm-il darba l-istudji meħtieġa jkunu ta' mill-inqas tliet (3) snin;

"esperjenza professjonali" tfisser l-eżerċizzju attwali u leġittimu tal-professjoni kkonċernata;

"uffiċċju eliġibbli" tfisser impjieg jew uffiċċju fejn l-impjieg, l-uffiċċju, l-impjegat jew il-prinċipal, jew kwalunkwe konkorrenza tagħhom, huwa regolat, liċenzjat jew rikonoxxut minn awtorità kompetenti msemmija fl-Iskedi.

Kuntratti kwalifikanti u uffiċċji eliġibbli.

3. (1) Income minn kuntratt ta' impjieg kwalifikanti għandu jikkwalifika taħt dawn ir-regoli meta jiġi riċevut minn benefiċjarju u jikkonsisti f'income soġġett għat-taxxa taħt l-artikolu 4(1)(b) tal-Att, eskluż il-valur annwali ta' xi benefiċċji addizzjonali, ta' minimu ta' ħamsa u sittin elf euro (€65,000) u jikkonsisti f'emolumenti minn uffiċċju eliġibbli:

Iżda l-imsemmi minimu ta' ħamsa u sittin elf euro (€65,000) għandu jiġi aġġustat b'żieda ta' għaxart elef euro (€10,000) kull ħames (5) snin b'effett mis-sena sussegwenti għas-sena li fiha jidħlu fis-seħħ dawn ir-regoli:

Iżda wkoll fejn l-income minimu speċifikat taħt il-leġiżlazzjoni elenkata fil-paragrafi (a) sa (e) tar-regola 12(1) kien anqas minn ħamsa u sittin elf euro (€65,000), l-ammont minimu ta' income imsemmi f'din is-subregola għandu jkun kif ġej:

(a) għall-ewwel sena li fiha dawn ir-regoli jidħlu fis-seħħ, l-ammont minimu għandu jkun l-ammont applikabbli għal dak il-benefiċjarju speċifikat fir-regoli elenkati fil-paragrafi (a) sa (e) tar-regola 12(1);

(b) għat-tieni sena li fiha dawn ir-regoli jkunu fis-seħħ, l-

ammont minimu għandu jkun l-ammont għall-ewwel sena miżjud b'għaxart elef euro (€10,000); u

(ċ) għat-tielet sena li fiha dawn ir-regoli jkunu fis-seħħ, l-ammont minimu għandu jkun l-ammont minimu msemmi fis-subregola (1).

(2) Kuntratt ta' impjieg kwalifikanti għandu jitqies bħala tali jekk l-attività tal-impjieg kontemplata fil-kuntratt tal-impjieg tkun uffiċċju eliġibbli.

(3) L-uffiċċji li huma eliġibbli għar-rata ta' taxxa mnaqqsa huma elenkati fl-Iskedi.

Benefiċjarji taħt dawn ir-regoli.

4. Benefiċjarju huwa individwu li jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikun individwu li jikseb income soġġett għat-taxxa taħt l-artikolu 4(1)(b) tal-Att, meta dawn ikunu emolumenti li jitħallsu taħt kuntratt ta' impjieg kwalifikanti, u li jkunu ġew riċevuti fir-rigward ta' xogħol jew dmirijiet mwettqa f'Malta, jew fir-rigward ta' kwalunkwe perjodu mgħoddi barra minn Malta għal dak li għandu x'jaqsam ma' tali xogħol jew dmirijiet, jew fi btala waqt it-twettiq ta' tali xogħol jew dmirijiet;

(b) ikun protett bħala impjegat skont il-liġi ta' Malta, irrispettivament mir-relazzjoni legali bejn l-impjegat u l-prinċipal, għall-fini ta' twettiq ta' xogħol ġenwin u effettiv għal, jew taħt id-direzzjoni ta' xi ħadd ieħor, jitħallas u jkollu l-kompetenza adegwata u speċifika meħtieġa, kif pruvat għas-sodisfazzjon tal-awtoritàjiet kompetenti;

(ċ) jipprova għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li għandu fil-pussess tiegħu l-kwalifiki professjonali meħtieġa;

(d) ma jkunx individwu li jkun ibbenefika taħt l-artikolu 6 tal-Att;

(e) huwa jiżvela b'mod sħiħ għall-finijiet ta' taxxa u jiddikjara emolumenti li huwa jkun irċieva fir-rigward ta' income minn kuntratt ta' impjieg kwalifikanti u kull income riċevut minn persuna relatata mal-prinċipal tiegħu fir-rigward ta' attività li sostantivament tkun derivata mill-impjieg kopert mill-kuntratt ta' impjieg kwalifikanti kif taxxabbli f' Malta;

(f) jipprova għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li huwa jwettaq attivitajiet ta' uffiċċju eliġibbli;

(g) jipprova għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li:

(i) jkun qiegħed jirċievi riżorsi stabbli u regolari li jkunu biżżejjed sabiex isostnu lilu u familja f'Malta li hija komparabbli għal tiegħu, mingħajr ma jkollhom jirrikorru għas-sistema ta' assistenza soċjali f'Malta;

(ii) jkun joqgħod f'akkommodazzjoni li titqies bħala waħda normali f'Malta għalih innifsu u, fejn ikun jifforma parti minn familja li qiegħda tgħix f'Malta, għal familja komparabbli f'Malta, u li tissodisfa standards ġenerali tas-saħħa u s-sigurtà li jkunu fis-seħħ f'Malta;

(iii) jkollu dokument tal-ivvjaġġar validu;

(iv) jkollu assigurazzjoni medika privata fir-rigward tar-riskji kollha li normalment ikunu koperti għalihom ċittadini Maltin għalih u għall-membri tal-familja tiegħu, irrispettivament minn min ikun responsabbli għall-ispiża ta' tali assigurazzjoni; u

(v) ma jkunx domiċiljat f'Malta; u

(h) tali kondizzjonijiet oħra li jistgħu jitqiesu xierqa mill-awtoritàjiet kompetenti, inklużi l-kondizzjonijiet fir-rigward ta' persunal ta' taħriġ fil-qasam ta' għarfien espert relatat mal-uffiċċju eliġibbli rilevanti tal-benefiċjarju.

Applikazzjoni għall-eliġibbiltà.

5. (1) Applikazzjoni għal determinazzjoni formali dwar eliġibbiltà skont dawn ir-regoli u l-artikolu 56(21) tal-Att għandha ssir fuq tali formola jew b'tali mod li l-awtorità kompetenti, bi qbil mal-Kummissarju, tista' teħtieġ u għandu jkun fiha l-informazzjoni u d-dokumenti hemmhekk mitluba:

Iżda tali applikazzjoni tista' ssir bejn l-1 ta' Jannar 2026 u l-31 ta' Diċembru 2035:

Iżda wkoll l-ebda tali applikazzjoni ma għandha tiġi aċċettata minn kwalunkwe awtorità kompetenti wara l-31 ta' Diċembru 2036.

(2) Tali applikazzjoni għandha tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti rilevanti li għandha tipproċessa l-applikazzjoni u toħroġ deċiżjoni formali ta' eliġibbiltà taħt dawn ir-regoli u l-artikolu 56(21) tal-Att jew rifjut tal-applikazzjoni, skont il-każ, fi żmien disgħin (90) jum minn meta tirċievi l-imsemmija applikazzjoni b'tali mod li l-Kummissarju jistabbilixxi.

(3) Għall-fini tal-ipproċessar ta' applikazzjoni skont dawn ir-regoli, l-imsemmija awtorità kompetenti tista' teħtieġ lill-applikant li jipproduċi, fiż-żmien indikat mill-awtorità kompetenti f'dik it-talba, tali informazzjoni u dokumenti ulterjuri li hija tista' tqis li jkunu meħtieġa, inkluż ċertifikazzjonijiet u dikjarazzjonijiet tal-prinċipal ta' dak l-individwu. Fejn issir tali talba, il-perjodu ta' disgħin (90) jum imsemmi fis-subregola (2) għandu jibda jiddekorri mid-data meta tiġi riċevuta l-informazzjoni mitluba.

(4) Jekk individwu jonqos, mingħajr l-ebda raġuni valida, milli jikkonforma ruħu ma' kwalunkwe talba li ssirlu mill-awtorità kompetenti skont is-subregola (3) fil-perjodu indikat, l-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta l-applikazzjoni u tinforma lill-Kummissarju b'tali rifjut.

(5) Fil-perjodu imsemmi fis-subregola (2) jew (3), skont il-każ, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Kummissarju b'tali determinazzjoni jew rifjut. Il-Kummissarju għandu japprova tali determinazzjoni jew tali rifjut u jinforma lill-applikant b'dan, b'tali mod li l-Kummissarju għandu jistabbilixxi.

(6) L-awtorità kompetenti għandha, fuq bażi annwali, tibgħat lista ta' applikazzjonijiet riċevuti u l-istatus tagħhom lill-Kummissarju.

Mod kif tiġi eżerċitata l-għażla.

6. (1) Ladarba tkun inħarġet deċiżjoni formali dwar l-eliġibbiltà mill-awtorità kompetenti taħt id-dispożizzjonijiet tar-regola 5, l-għażla disponibbli skont l-artikolu 56(21) tal-Att tista' tiġi eżerċitata:

Iżda tali għażla disponibbli ma tistax tiġi eżerċitata fir-rigward ta' kwalunkwe sena ta' stima preċedenti għas-sena ta' stima 2027.

(2) L-imsemmija għażla għandha tiġi eżerċitata permezz ta' dikjarazzjoni ffirmata mill-benefiċjarju u approvata mill-awtorità kompetenti li għandha ssir fuq tali formola disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit elettroniku appositu jew b'dak il-mod li l-Kummissarju jista' jeħtieġ. Tali dikjarazzjoni għandha tispeċifika s-snin ta' stima li fir-rigward tagħhom huwa relatat l-eżerċizzju tal-għażla.

(3) L-imsemmija għażla ma għandhiex titqies li tkun ġiet validament eżerċitata kemm-il darba l-income li tkun tapplika għalih ma jkunx ġie dikjarat kollu u b'mod korrett fil-prospett tat-taxxa u kemm-il darba l-imsemmija dikjarazzjoni u prospett tat-taxxa ma jiġux preżentati sa mhux aktar tard mid-data stabbilita għall-prospett tat-taxxa relattiv.

Perjodu ta' żmien li matulu japplikaw il-benefiċċji.

7. (1) Il-benefiċċji taħt dawn ir-regoli u l-artikolu 56(21) tal-Att għandhom japplikaw fir-rigward ta' income minn impjieg li huwa speċifikat fir-regola 4 u li jinkiseb matul perjodu ta' ħames (5) snin li jibda jiddekorri mis-sena li fir-rigward tagħha tkun inħarġet determinazzjoni formali taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli, u kif stabbilit taħt ir-regola 5(2):

Iżda l-għażla taħt l-artikolu 56(21) tal-Att għandha tkun ġiet eżerċitata kif provdut taħt id-dispożizzjonijiet tar-regola 6.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregola (3), kwalunkwe individwu li jibbenefika taħt id-disposizzjonijiet tas-subregola (1), malli jissottometti applikazzjoni fuq tali formola jew b'tali mod li l-awtorità kompetenti, bi ftehim mal-Kummissarju, tista' teħtieġ, għandu jkun eliġibbli għal żewġ (2) estensjonijiet ulterjuri ta' ħames (5) snin għall-perjodu kwalifikanti tiegħu, kif soġġett għall-osservanza kontinwa tad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regoli u l-artikolu 56(21) tal-Att. Tali applikazzjoni għandha ssir matul is-sena qabel it-tmiem tal-perjodu kwalifikanti ta' ħames (5) snin rilevanti.

(3) Minkejja kwalunkwe stipulazzjoni kuntrarja f'dawn ir-regoli u fl-artikolu 56(21) tal-Att, il-benefiċċji taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli u l-artikolu 56(21) tal-Att ma għandhomx japplikaw fir-rigward ta' income miksub wara l-31 ta' Diċembru 2040.

Ammont minimu taxxabbli taħt dawn ir-regoli.

8. Meta individwu jeżerċita l-għażla disponibbli taħt l-artikolu 56(21) tal-Att fir-rigward ta' xi sena ta' stima, l-ammont minimu ta' income li għandu jkun taxxabbli bir-rata mnaqqsa provduta fl-imsemmi artikolu fir-rigward ta' dik is-sena ta' stima għandu jitqies li jkun ħamsa u sittin elf euro (€65,000):

Iżda l-anqas ammont ta' income ta' ħamsa u sittin elf euro (€65,000) għandu jiġi aġġustat skont id-dispożizzjonijiet tal-provisos għar-regola 3(1):

Iżda wkoll fil-każ ta' benefiċjarju li għalih japplika t-tieni proviso għar-regola 3(1), l-ammont minimu ta' income li għandu jkun taxxabbli bir-rata mnaqqsa għandu jiġi stabbilit skont l-ammonti minimi applikabbli għall-ewwel, it-tieni u t-tielet sena, kif speċifikat fl-imsemmi proviso:

Iżda wkoll ir-rata ta' ħmistax fil-mija (15%) għandha tapplika mingħajr ma jkun possibbli li jintalab xi ħelsien, tnaqqis, riduzzjoni, kreditu jew tpaċija ta' kwalunkwe xorta. Minkejja l-ġeneralità preċedentament imsemmija, benefiċjarju għandu jingħata tnaqqis ta' taxxa skont l-artikolu 23 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Kap. 372.

Ammont massimu ta' emolumenti li jistgħu jibbenefikaw taħt dawn ir-regoli.

9. Meta individwu jeżerċita l-għażla disponibbli taħt l-artikolu 56(21) tal-Att fir-rigward ta' sena ta' stima, ir-rata ta' ħmistax fil-mija (15%) għandha tapplika fuq ammont ta' emolumenti pagabbli li ma jeċċedux seba' miljun euro (€7,000,000). Kwalunkwe emolumenti li jeċċedu l-imsemmi ammont ta' seba' miljun euro (€7,000,000) għandu jikkostitwixxi l-bqija tal-income għall-finijiet tal-paragrafu (a) tal-proviso għall-artikolu 56(21) tal-Att u konsegwentement, it-taxxa fuq tali income li jifdal għandha tiġi kalkulata bir-rati li kienu jkunu applikabbli għal tali bqija tal-income li kieku l-għażla ma ġietx eżerċitata.

Setgħa li tintalab informazzjoni.

10. (1) Għall-fini li jiġi aċċertat id-dritt ta' individwu li jeżerċita l-għażla msemmija fl-artikolu 56(21) tal-Att u li tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dawn ir-regoli, il-Kummissarju u, jew l-awtorità kompetenti jistgħu jeħtieġu lil individwu jipproduċi, fil-perjodu ta' żmien indikat mill-Kummissarju u, jew mill-awtorità kompetenti f'tali talba, kwalunkwe informazzjoni oħra u dokumenti ulterjuri kif jistgħu jqisu meħtieġ, inklużi ċ-ċertifikazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet tal-prinċipal b'rabta ma' tali individwu.

(2) Jekk individwu jonqos, mingħajr l-ebda raġuni valida, milli jikkonforma ma' kwalunkwe talba magħmula lilu fir-rigward tal-income tiegħu li ssirlu mill-Kummissarju u, jew mill-awtorità kompetenti skont din ir-regola, il-Kummissarju jista' jordna li l-artikolu 56(21) tal-Att ma għandux japplika għal tali income. F'tali każ, il-Kummissarju jista' jagħmel stima u t-taxxa fuq tali income għandha tiġi kalkulata bir-rati provduti fl-Att mingħajr l-ebda referenza għall-imsemmi artikolu. Fejn individwu jonqos milli jipproduċi l-informazzjoni mitluba skont talba magħmula unikament mill-awtorità kompetenti, l-imsemmija awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Kummissarju mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ sa mhux aktar tard minn tletin (30) jum minn tali nuqqas.

Dispożizz-jonijiet kontra l-abbuż

11. (1) Fejn kwalunkwe persuna, sabiex tikseb benefiċċji taħt dawn ir-regoli, tagħmel użu minn arranġamenti artifiċjali, il-Kummissarju għandu b'ordni bil-miktub, jistabbilixxi kemm għandha tħallas taxxa l-imsemmija persuna, għal kwalunkwe sena ta' stima, b'tali mod u f'tali ammont kif jista' jkun meħtieġ skont iċ-ċirkostanzi tal-każ sabiex jannulla l-benefiċċji miksuba taħt dawn ir-regoli.

(2) Persuna li ma taqbilx ma' xi ordni li jiġi notifikat lilha skont is-subregola (1) għandu jkollha l-istess drittijiet li toġġezzjona għal tali ordni u li tappella minn deċiżjoni tal- Kummissarju billi tiċħad dik l-oġġezzjoni daqslikieku dik l-ordni kienet stima maħruġa skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, u d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-imsemmi Att dwar l-oġġezzjonijiet u l-appelli għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Kap. 372.

B 144

Tranżizzjoni għal dawn ir-regoli.

12. (1) Individwi li, fil-31 ta' Diċembru 2025 kkwalifikaw bħala benefiċjarji taħt:

L.S. 123.126.

(a) ir-Regoli dwar Persuni li jkollhom Kwalifiki Għolja;

L.S. 123.141.

(b) ir-Regoli dwar Impjiegi Kwalifikanti fl-Innovazzjoni u fil-Kreattività ;

L.S. 123. 168.

(ċ) ir-Regoli dwar Impjiegi Kwalifikanti fl-Avjazzjoni (Taxxa Personali);

L.S. 123.182.

(d) ir-Regoli dwar Impjieg Kwalifikanti f'Attivitajiet Marittimi u l-Attivitajiet tal-Industrija tas-Servizzjar taż-Żejt u l-Gass *Offshore* (Taxxa Personali); jew

L.S. 123.218.

(e) ir-Regoli dwar it-Taxxa għall-Impjegati Għolja ta' Uffiċċji ta' Familja, Back Offices u Operat ta' Amministrazzjoni tat-Teżor,

għandhom, fejn issir applikazzjoni mal-awtorità kompetenti rilevanti, jitqiesu bħala benefiċjarji taħt dawn ir-regoli. L-awtorità kompetenti għandha toħroġ deċiżjoni f'dan ir-rigward fi żmien sittin (60) jum mis-sottomissjoni ta' tali applikazzjoni u tinforma lill-Kummissarju b'dan b'tali mod li l-Kummissarju jista' jistabbilixxi. Fejn deċiżjoni tinħareġ taħt din ir-regola, l-individwu għandu jitqies bħala benefiċjarju għal perjodu ta' ħames (5) snin li jibda jiddekorri mis-sena ta' stima li fiha tkun inħarġet id-deċiżjoni, u d-dispożizzjonijiet tar-regola 7(2) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kwalunkwe individwu li jibbenefika minn din ir-regola:

Iżda tali applikazzjoni għandha ssir sa mhux aktar tard mill- 31 ta' Diċembru 2028, b'tali mod li l-Kummissarju u l-awtorità kompetenti għandhom jistabbilixxu:

Iżda wkoll minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra kuntrarja, id-dispożizzjonijiet tat-tieni proviso għar-regola 5(1) tar-Regoli dwar Persuni li jkollhom Kwalifiki Għolja għandhom ikomplu japplikaw ukoll taħt dawn ir-regoli u l-artikolu 56(21) tal-Att, għal income miksub fis-sena li fiha tkun saret l-applikazzjoni taħt din ir-regola minn individwi li kienu benefiċjarji taħt l-imsemmija Regoli dwar Persuni li jkollhom Kwalifiki Għolja.

S.L. 123.126.

(2) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni fl-Atti dwar it-Taxxi u r-regoli u r-regolamenti magħmula taħthom:

(a) l-ebda determinazzjoni ma għandha tinħareġ wara l-31 ta' Diċembru 2025 għal applikazzjonijiet magħmula wara l-imsemmija data; u

(b) l-ebda benefiċċju ulterjuri ma jista' jiġi utilizzat wara s-sena ta' stima 2030,

taħt ir-regoli msemmija fis-subregola (1)(a) sa (e).

SKEDA I
(regoli 2 u 3)

Awtoritàjiet kompetenti u uffiċċji eliġibbli

Awtoritàjiet kompetenti:

(a) l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta mwaqqfa bl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta fir-rigward ta' kwalunkwe uffiċċju eliġibbli ma' kwalunkwe impriża liċenzjata u, jew rikonoxxuta mill-imsemmi korp; Kap. 330.

(b) l-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob mwaqqfa bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Logħob, fir-rigward ta' kwalunkwe uffiċċju eliġibbli ma' kwalunkwe impriża liċenzjata u, jew rikonoxxuta mill-imsemmi korp; Kap. 583.

(ċ) l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfa bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f' Malta fir-rigward ta'dan li ġej: Kap. 499.

(i) kwalunkwe impriża li jkollha ċertifikat tal-operaturi tal-ajru maħruġ skont l-artikolu 35 tal-Att dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru, jew liċenzja tal-ajrudrom maħruġa skont l-artikolu 75 tal-istess; jew Kap. 641.

(ii) kwalunkwe impriża li jkollha Dokument ta' Konformità maħruġ skont il-Kodiċi Internazzjonali għall-Immaniġġar tas-Sigurtà jew Seafarer Recruitment and Placement Services Licence maħruġa skont il-Konvenzjoni tal-2006 dwar ix-Xogħol Marittmu;

(iii) kwalunkwe impriża li tqabbad individwu partikolari għal xogħol abbord fuq kwalunkwe vapur, eskluži vapuri li joperaw fuq servizzi regolari kif ukoll vapuri li l-użu jew l-operat tagħhom jeħtieġ ċertifikazzjoni skont ir-Regolamenti dwar il-Bastimenti Kummerċjali u li huma rmiġġati jew ankrati fl-ilmijiet territorjali ta' Malta jew kwalunkwe port f'Malta għal mill-anqas xahar (1) f'sena kalendarja, kull impriża li tingaġġa f'Shore Based Ship Management (Commercial Management) (hawn aktar' il quddiem imsejħa "attivitajiet marittimi"). Għall-finijiet ta' dan L.S. 499.23.

l-impjieg, it-terminu "servizzi regolari" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fid-Direttiva (UE) 2017/2110 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 dwar sistema ta' spezzjonijiet għall-operazzjoni bla periklu ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE; jew

(iv) kwalunkwe impriża li primarjament twettaq negozju jew kummerċ li jikkonsisti f'Servizzjar tal-industrija taż-Żejt u l-Gass Offshore u servizzi anċillari (minn hawn 'il quddiem "Servizzjar tal-industrija taż-Żejt u l-Gass Offshore u servizzi anċillari");

(d) l-Uffiċċju tal-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern; u

(e) l-Intrapriża ta' Malta.

Uffiċċji eliġibbli regolati, liċenzjati jew rikonoxxuti mill-awtoritàjiet kompetenti hawn fuq imsemmija:

. Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni

. Kap u, jew Uffiċjal tar-Riskji Ewlieni (inkluż Uffiċjal tal-Frodi u Investigazzjonijiet)

. Uffiċjal Finanzjarju Ewlieni

. Uffiċjal tal-Operat Ewlieni

. Uffiċjal tat-Teknoloġija Ewlieni/Uffiċjal Diġitali Ewlieni

. Uffiċjal tal-Informazzjoni Ewlieni

. Uffiċjal tal-Esperjenza tal-Klijent Ewlieni

. Uffiċjal Kummerċjali Ewlieni, (CCO)

. Kap u, jew Uffiċjal tal-Konformità u ta' Kontra l-Ħasil tal-Flus Ewlieni

. Kap tal-Kummerċjalizzazzjoni (inkluż Kap tal-Kanali tad-Distribuzzjoni)

. Uffiċjal tal-Informazzjoni Ewlieni

SKEDA II
(regoli 2 u 3)

Awtorità kompetenti u uffiċċji eliġibbli

Awtorità kompetenti:

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta mwaqqfa bl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta dwar kwalunkwe uffiċċju eliġibbli ma' kwalunkwe impriża liċenzjata u, jew rikonoxxuta mill-imsemmi korp; Kap. 330.

Uffiċċji eliġibbli regolati, liċenzjati jew rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti hawn fuq imsemmija:

. Portfolio Manager

. Uffiċjal għall-Investimenti Ewlieni

. Kummerċjant Anzjan

. Professjonist Anzjan tal-Istrutturar

. Professjonist Attwarju

. Uffiċjal dwar l-Underwriting Ewlieni

. Uffiċjal dwar l-Assigurazzjoni Teknika Ewlieni

. Kap tar-Relazzjonijiet mal-Investituri

. Maniġer tal-Fond ta' Ishma Privati

Uffiċċji Eliġibbli mal-Uffiċċji tal-Familja:

(i) uffiċċji eliġibbli elenkati f'din il-parti ta' din l-Iskeda miżmuma fil-kuntest tal-Uffiċċji ta' Familja Waħda u miżmuma ma':

(a) maniġers ta' fondi stabbiliti f'Malta li huma eżentati mir-rekwiżit għal liċenzja ta' servizzi ta' investiment skont ir-regolament 3(1)(f) tar-Regolamenti ta' Eżenzjoni għall-Att dwar Servizzi ta' Investiment, sal-punt li l-PIF notifikat li jimmaniġġjaw jikkostitwixxi mezz li permezz tiegħu l-uffiċċju ta' familja jinvesti l-ġid privat tal-investituri tiegħu mingħajr ma jiġbor kapital estern; L.S. 370.02.

(b) maniġers ta' fondi stabbiliti f'Malta li huma eżentati mir-rekwiżit għal liċenzja ta' servizzi ta' investiment skont ir-regolament 3(1)(t) tar-Regolamenti ta' Eżenzjoni għall-Att dwar Servizzi ta' Investiment, sal-punt li l-PIF notifikat li jimmaniġġjaw jikkostitwixxi mezz li permezz tiegħu l-uffiċċju ta' familja jinvesti l-ġid privat tal-investituri tiegħu mingħajr ma jiġbor kapital estern;

L.S. 370.02.

(ċ) trustees reġistrati li jinvestu, f'isem trust tal-familja, *inter alia* f'PIF notifikat li huwa ġestit minn maniġer ta' fond li huwa eżentat mir-rekwiżit għal liċenzja ta' servizzi ta' investiment skont ir-regolament 3(1)(f) jew ir-regolament 3(1)(t) tar-Regolamenti ta' Eżenzjoni għall-Att dwar Servizzi ta' Investiment, sal-punt li l-PIF notifikat li jimmaniġġja jikkostitwixxi mezz li permezz tiegħu l-uffiċċju ta' familja jinvesti l-ġid privat tal-investituri tiegħu mingħajr ma jiġbor kapital estern;

L.S. 370.02.

(d) id-detenturi tal-liċenzja li jinvestu l-ġid privat tal-investituri mingħajr ma jiġbru kapital estern. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "detentur ta' liċenzja" għandha tinkludi wkoll PIFs notifikati.

(ii) uffiċċji eliġibbli elenkati f'din il-parti ta' din l-Iskeda miżmuma fil-kuntest ta' Uffiċċji ta' Bosta Familji u miżmuma ma' detenturi ta' liċenzja li jinvestu l-ġid privat ta' investituri mingħajr ma jiġbru kapital estern.

(iii) uffiċċji eliġibbli elenkati f'din il-parti ta' din l-Iskeda miżmuma ma' kumpaniji u impriżi oħra li jwettqu servizzi ta' Back Office lill-impriżi msemmija fil-paragrafu (i) jew (ii) f'din il-parti ta' din l-Iskeda li hija kkonfermata bħala tali bil-miktub mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' dawn ir-regoli.

(iv) uffċċji eliġibbli elenkati f'din il-parti ta' din l-Iskeda miżmuma ma' kumpaniji u impriżi oħra li jwettqu l-operat ta' Ġestjoni tat-Teżor lill-impriżi msemmija fil-paragrafu (i) jew (ii) f'din il-parti ta' din l-Iskeda li hija kkonfermata bħala tali bil-miktub mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' dawn ir-regoli.

(v) għall-finijiet tal-paragrafi (i) sa (iv) ta' din il-parti ta' din l-Iskeda;

"uffċċji eliġibbli elenkati f'din il-parti ta' din l-Iskeda" tfisser:

. Kap tal-Back Office u, jew Uffiċjal Kap Eżekuttiv,

General Manager, Kap tal-Pajjiż, Direttur Maniġerjali jew kariga ekwivalenti

. Kap u, jew Uffiċjal tar-Riskji Ewlieni, Kap u, jew Uffiċjal Ewlieni għall-Konformità u Kontra l-Ħasil tal-Flus

. Portfolio Manager

. Uffiċjal tal-Investimenti Ewlieni u, jew Uffiċjal tal-Investimenti

. Kummerċjant Anzjan

. Professjonist Anzjan tal-Istrutturar

"detentur ta' liċenzja" tfisser persuna li jkollha liċenzja maħruġa mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;

"Uffiċċju ta' Bosta Familji" tfisser detentur ta' liċenzja li jamministra esklussivament il-ġid ta' aktar minn familja waħda (1) b'valur nett għoli;

"PIF notifikat" tfisser fond ta' investiment professjonali notifikat stabbilit skont ir-Regolamenti dwar *Investment Services Act (Notified CISs)*; L.S. 370.34.

"trustee reġistrat" tfisser trustee li jkun reġistrat mal-awtorità kompetenti skont l-artikolu 43B tal-Att dwar *Trusts* u *Trustees*; Kap. 331.

"Uffiċċju ta' Familja Waħda" tfisser impriża li timmaniġġja unikament il-ġid ta' familja waħda (1) ta' valur nett għoli;

SKEDA III
(regoli 2 u 3)

Awtorità kompetenti u uffiċċji eliġibbli

Awtorità kompetenti:

L-Awtorità għat-Trasport f' Malta mwaqqfa bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f' Malta fir-rigward ta'dan li ġej: Kap. 499.

(i) kwalunkwe impriża li jkollha ċertifikat tal-operaturi tal-ajru maħruġ skont l-artikolu 35 tal-Att dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru, jew liċenzja tal-ajrudrom maħruġa skont l-artikolu 75 tal-istess; jew Kap. 641.

(ii) kwalunkwe impriża li jkollha Dokument ta' Konformità maħruġ skont il-Kodiċi Internazzjonali għall-

Immaniġġar tas-Sigurtà jew Seafarer Recruitment and Placement Services Licence maħruġa skont il-Konvenzjoni tal-2006 dwar ix-Xogħol Marittmu;

(iii) kwalunkwe impriża li tqabbad individwu partikolari għal xogħol abbord fuq kwalunkwe vapur, esklużi vapuri li joperaw fuq servizzi regolari kif ukoll vapuri li l-użu jew l-operat tagħhom jeħtieġu ċertifikazzjoni skont ir-Regolamenti dwar il-Bastimenti Kummerċjali u li huma rmiġġati jew ankrati fl-ilmijiet territorjali ta' Malta jew kwalunkwe port f'Malta għal mill-anqas xahar (1) f'sena kalendarja, kull impriża li tingaġġa f'Shore Based Ship Management (Commercial Management) (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "attivitajiet marittimi"). Għall-finijiet ta' dan l-impjieg, it-terminu "servizzi regolari" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha skont id-Direttiva (UE) 2017/2110 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 dwar sistema ta' spezzjonijiet għall-operazzjoni bla periklu ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE; jew

L.S. 499.23.

(iv) kwalunkwe impriża li primarjament tagħmel negozju jew kummerċ li jikkonsisti f'Servizzjar tal-industrija taż-Żejt u l-Gass Offshore u servizzi anċillari (minn hawn 'il quddiem "Servizzjar tal-industrija taż-Żejt u l-Gass Offshore u servizzi anċillari");

Uffiċċji eliġibbli regolati, liċenzjati jew rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti hawn fuq imsemmija:

Avjazzjoni

. Uffiċjal Kap tal-Investiment

. Uffiċjal Kap tal-Assigurazzjoni

. Maniġer Responsabbli

. Deputat Maniġer Responsabbli

. Maniġer Ġenerali

. Maniġer għall-Operat tat-Titjir

. Persuna Nominata għall-Operat tat-Titjir

. Maniġer tat-Taħriġ

. Persuna Nominata tat-Taħriġ

. Operat ta’ fuq l-Art

. Persuna Nominata għall-Operat ta’ fuq l-Art

. Maniġer tal-Manutenzjoni tan-Navigabbiltà

. Il-Persuna Nominata għall-Kontinwità tal-Ajrunavigabbiltà

. Maniġer tal-Konformità

. Maniġer tas-Sistemi ta’ Kwalità

. Maniġer tas-Sikurezza

. Maniġer għad-Dispaċċ tat-Titjiriet

. Maniġer Għalliem

. Kap tal-Kummerċjalizzazzjoni

. Kap tar-Relazzjonijiet Pubbliċi

. Attwarju

. Maniġer tas-Sottoskrizzjoni

. Uffiċjal tal-Ġestjoni tar-Riskju

. Maniġer tal-Kont Prinċipali

. Koordinatur tal-Prodott

. Koordinatur Materjali

. Relatur tal-Inġinerija

. Inġinier Aeronawtiku

. Kap tal-Operat tal-Manutenzjoni

. Żviluppatur tas-Sistemi tal-Avjazzjoni

. Speċjalist Ewlieni tal-Avjazzjoni

Attivitajiet Marittimi

. Direttur Maniġerjali

. Maniġer Ġenerali

. Maniġer tal-Ekwipaġġ

. Maniġer Tekniku

. Maniġer tal-Kiri

. Maniġer tal-Operat

. Maniġer tal-Iżvilupp Kummerċjali/tan-Negozju

. Maniġer responsabbli għat-Tranżizzjoni ESG/Enerġija

. Maniġer tal-Flotta

. Suprintendent Tekniku tal-Bastiment

. Persuna Dežinjata Fuq l-Art

. Kaptan

. Chief Mate

. Tieni Uffiċjal

. Uffiċjal tas-Sigurtà tal-Kumpanija

. Kap Enġinier

. Tieni Enġinier

. Chef

L-Industrija tas-Servizzjar taż-Żejt u l-Gass Offshore u Servizzi Anċillari

Kap tal-Akkademja tat-Taħriġ (liema Akkademja għandha tkun iċċertifikata minn istituzzjoni ta' akkreditar internazzjonali.

SKEDA IV
(regoli 2 u 3)

Awtorità kompetenti u uffiċċji eliġibbli

Awtorità kompetenti:

. Uffiċċju tal-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern.

Uffiċċji eliġibbli fit-Teknoloġija tar-Riproduzzjoni Assistita regolati, liċenzjati jew rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti hawn fuq imsemmija:

. Embrijologu

. Persuna Responsabbli

. Lead Quality Manager

SKEDA V
(regoli 2 u 3)

Awtorità kompetenti u uffiċċji eliġibbli

Awtorità kompetenti:

L-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob, imwaqqfa bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Logħob, fir-rigward ta' kwalunkwe uffiċċju eliġibbli ma' kwalunkwe impriża liċenzjata u, jew rikonoxxuta mill-imsemmi korp; Kap. 583.

Uffiċċji eliġibbli regolati, liċenzjati jew rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti msemmija hawn fuq:

. Odds Compiler Specialist;

. Kap tar-Riċerka u Żvilupp (inkluż Search Engine Optimisation u Systems Architecture)

. Portfolio Manager

. Analista Anzjan

. Kummerċjant Anzjan

. Kap tal-Investiment/Uffiċjal għall-Investimenti Ewlieni

. Kap tal-Logħob Responsabbli

. Uffiċjal Ewlieni tan-Nies

. Uffiċjal Legali Ewlieni

SKEDA VI
(regoli 2 u 3)

Awtorità kompetenti u Uffiċċji Eliġibbli

Awtorità kompetenti:

L-Intrapriża ta' Malta

Uffiċċji eliġibbli fil-qasam tal-STEM (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija u Matematika) regolati, liċenzjati jew rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti hawn fuq imsemmija

Xjenza:

. Bijologu

. Kimiku

. Fiżiku

. Xjentist Ambjentali

. Riċerkatur Mediku

Teknoloġija:

. Żviluppatur u, jew Inġinier tas-Software

. Xjentist tad-Data

. Analista tas-Sikurezza Ċibernetika

. Żviluppatur tal-Web

. Speċjalista tal-Intelliġenza Artifiċjali

Inġinerija:

. Inġinier Mekkaniku

. Inġinier Ċivili

. Inġinier tal-Elettriku

. Inġinier Kimiku

. Inġinier Ajruspazjali

Matematika:

. Matematiku

. Statistiku

. Analista tar-Riċerka Operattiva